# MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat**

## TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 65

**It-Tlieta 25 ta' April, 2017**

Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Sannat, Ta' Sannat, fis-1.35 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Joseph Bajada – Kunsillier
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Margaret Said – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Kasy Mercieca – Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

# AĠENDA NRU. 65

65.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;

65.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru 63 – 8 u Nru 64 – 8;

65.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

65.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;

65.5 Ħatra ta' Deputat Segretarju;

65.6 Devoluzzjoni tal-pompa tal-ilma fil-wied ta' Mġarr ix-Xini;

65.7 Proġetti minn Miżura 4.3;

65.8 Car Show 2017;

65.9 Ilmenti u Suġġerimenti;

65.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru 4/2017;

65.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 65.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

65.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-Sinjorina Kasy Mercieca (l-Ambaxxatriċi Lokali għaż-żgħażagħ) nfurmatu permezz ta' imejl li ma setgħetx tattendi għal din il-laqgħa.

## 65.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru 63 – 8 u Nru 64 – 8

65.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal Minuti tal-laqgħat preċendenti Nru. 63 – 8 u Nru 64 - 8 li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 65.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

65.3.1 Is-Sindku qal li dwar Premju Ġieħ Sannat 2017 l-applikazzjonijiet għalqu nhar il-Ġimgħa 7 ta' April 2017 u l-Kunsill ircieva nomina waħda biss, dik ta' Peter Borg. Il-Bord ġie nfurmat b'dan. Il-Kunsill qabel li dan il-premju għandu jingħata lil dan in-nominat.

65.3.2 Is-Sindku qal li għall-okkażjoni ta' Jum Sannat, il-Ġimgħa filgħodu 28 ta' April 2017 ser issir Field Day mit-tfal tal-iskola primarja u fit-7.45 p.m. ser issir serata mużikali bis-sehem tas-Soċejta' Mużikali Santa Margerita fis-sala tal-iskola fejn jingħata għat-tlettax il-sena l-Premju Ġieħ Sannat. Waqt din is-serata ser jintwera feature u jiġi spjeġat il-proġett ta' tisbieħ tal-Pjazza Santa Margerita, dan dejjem suġġett għal fondi. Nhar il-Ħamis 4 ta' Mejju 2017 ser isir quiz dwar Ta' Sannat mill-istudenti tal-iskola primarja tal-ħames u s-sitt sena.

65.3.3 Is-Sindku qal li minn nhar is-Sibt 29 ta' April, fis-sala tal-Kunsill Lokal ser jibda l-kors bl-isem Għaqal id-Dar. Għal dan il-kors ta' 10 lezzjonijiet s'issa applikaw disa' persuni minn ta' Sannat u tnejn mill-Fontana u persuna mir-Rabat.

65.3.4 Is-Sindku qal li mill-lum beda f'Ta' Sannat l-Active Ageing Centre. Dan ser jibda jsir kull nhar ta' Ħamis mid-9.00 a.m. sal-11.00 am fil-bini tal-Kunsill u l-quddiem nhar ta' Sibt ukoll.

65.3.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kumitat tal-Festa bagħat ittra lill-Ministeru għal Għawdex fejn il-Kunsill kien ikkupjat dwar l-istat li tħalliet Triq Sannat u l-Qasam (bejn Ta' Sannat u r-Rabat) fejn staqsew rigward it-tigrija tal-bhejjem biex jaraw jekk din it-triq hux ser tkun lesta mix-xogħol speċjalment fejn hemm il-hard sholders fuq kull naħa ta' triq fil-qasam peress li huma perikolużi għas-sewwieqa tat-tiġrija. Il-Kunsilliera Cassar Sultana ġibdet l-attenzjoni lill-Kunsill biex jikteb lill-MGOZ biex jekk hu possibli tingħata kisja temporanja biex tkun tista ssir din it-tiġrija. Is-Sindku qal li hu wieġeb permezz ta' imejl fejn informa lill-Kumitat li l-Kunsill ilu jgħamel pressjoni mall-Ministeru għal Għawdex li tiegħu taqa' din ir-responsabilita'

65.3.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ARPA (Paying Agency) kitbet lura wara li l-Kunsill kien kiteb bl-Avukat fejn spjegajna fid-dettal dwar il-kontijiet pendenti minn Miżura 313 (1st call) u minn Miżura 323 fejn issa qalet li dawn ser jitħallsu mill-Paying Agency. Dwar M313 (2nd call) il-Kunsill irid jħallas id-differenza lill-Kuntrattur l-ammont ta' €2016.32 u l-potable water mains network u l-installazzjoni tal-konnessjoni temporanja tal-ilma fid-djar bl-ammont ta'

€1522.62.

65.3.7 Is-Sindku staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv dwar jekk il-Parroċċa tal-Munxar nformatx lill-Kunsill dwar il-ħruq tan-nar tal-festa ta’ San Pawl mill-konfini Ta’ Sannat. Dan peress li s-sena l-oħra ma osservawx il-kundizzjonijiet li għamlilhom il-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv ġie mitlub biex malli jkun nfurmat dwar il-permess ta din ix-xorta jinforma lill-Avukat tal-Kunsill biex jikteb dak rikjest li jsir biex il-Kunsill jkun dejjem issalvagwardjat. Għandha tintalab l-għajnuna tal-Pulizija biex issir speżżjoni fl-inħawi ta’ minn fejn jaħarqu n-nar inkluż l-iskola primarja u l-madwar.

65.3.8 Is-Sindku qal lill-Kunsill li hu ġie nfurmat li t-Triq ta’ Mġarr ix-Xini ser tingħata 6 pulżieri konkos mill-Ministeru għal Għawdex. Hu qal li l-moll li hemm taħt in-niżla tat-triq għal Mġarr ix-Xini qed jiġġarraf kontinwament u jista jaqa’. Il-Kunsill għandu jitlob lil Perit biex jgħamel statement dwar dan l-istat biex b’hekk jikteb lill-Transport Malta dwar l-istat li jinsab fih dan il-moll. Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-problema tal-parking li hemm f’din il-bajja dan wara ż-żieda u l-frekwenza ta’ turisti li qed iżuru din l-bajja wara li l-Malta Tourism Authority għamlet propoganda qawwija dwar din il-bajja permezz tal-ġbid tal-film By the Sea. Is-Sindku u l-Kunsillier Bajada ġibdu l-attenzjoni dwar in-nar tal-festi ta’ Għawdex li qed jiġi minn Malta f’din il-bajja u għalhekk talbu biex issir laqgħa mall-Kummissarju tal-Pulizija dwar il-periklu u tbatija żejda għaliex ma hemmx minn fejn jinħatt dan in-nar tal-festi. Il-Kunsill għandu jitlob ukoll lil Transport Malta biex bħas-snin l-imgħoddija jiġu nstallati l-boggi tas-swimming zone. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni lill-Kunsill li t-tabelli f’din il-bajja spiċċaw bl-elementi tal-baħar u dawk naturali. Il-Kunsill qabel li dawn it-tabelli u s-sinjali jerġgħu jsiru.

## 65.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

65.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li saru l-audit adjustments tal-Financial Statments 2016 biex dawn jiġu ffirmati mis-Sindku u minnhu biex jintbgħatu lill-Awdituri fil-ħin. Il-Kunsill qabel ma dan.

65.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill rigward l-ispezzjoni tal-bini tal-uffiċċju mill-Awtorita għas-Saħħa u s-Siġurta fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA) biex isir Risk Assesment. Hu qal li qed jinġabru kwotazzjonijiet dwar dan.

65.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li dwar Premju Frans Sammut – 2016, is-Sindku nnomina lill-Kunsill Lokali Ta’ Sannat fuq il-Ktejjeb u l-Innu Ta’ Sannat li nkiteb minn Mons. Anton Mizzi.

65.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li applika fejn talab lill-bord tal-ko-finazjament, id-differenza ta’ 90% tal-ħlasijiet li saru u li kien għad fadal għaliex dawn ma ġewx koperti minn nefqa totali tal-Ġemellaġġ ma’ Montefiascone fl-Italja.

65.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li rċieva imejl mid-Dipartiment fi ħdan il-Ministru tat-Transport u l-Infrastruttura dwar ġbir ta’ nformazzjoni fuq bjar u ġwiebi fil-lokal. Il-Kunsill infurmaħ li f’Ta’ Sannat hawn ġibjun fi Triq il-Kbira, il-ġwiebi fl-iskola primarja u l-ġwiebi fil-Ġnien tal-Bidwi u bir abbandunat fil-ġnien tal-Bidwi. Il-Kunsill qabel li għandha tinbena bieba lil dan il-bir.

65.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Uffiċċju tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex qed jitlob li jsir kunċert mużikali fi Pjazzetta tax-Xelina nhar is-Sibt 8 ta’ Lulju 2017 u għalhekk qed jitolbu li tingħalaq din il-pjazzetta għat-traffiku dakinhar mis-6.00 p.m. sa

nofs il-lejl. Il-Kunsill ser jitlob biex dan isir fi Triq 28 ta' April 1688 peress li hu ftit diffiċli li tingħalaq Pjazzetta tax-Xelina.

65.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li reġa rċieva mingħand il-Gozo Action Group Foundation għall-ħlas tas-sħubija għas-sena 2017, l-ammont ta' €500, hu qal li l-Kunsill irid jitlob il-permess mingħand id-DLG skond Ċirkulari Nru. 19/2016 dwar Sħubija fil-Local Action Groups (LAGs).

65.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li bħas-snin l-imgħoddijja s-sezzjoni tal-bajjiet fi ħdan il-MGOZ talbet biex jinxtara l-materjal biex isir iż-żebgħa fuq il-bankijiet u r-railing. Huma ġibdu l-attenzjoni li t-tabelli u s-sinjali li hemm spiċċaw bl-element naturali u għandhom bżonn il-bdil.

65.4.8 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-kuntratt tal-bankini ser jiskadi fis-17 ta' Mejju 2017.

65.4.9 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkulari u d-Direttiva mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl.

Ċirkularijiet:

| | |
|---|---|
| Nru. 9/2017 | Inizjattiva Finanzjarja – Local Government Culture Fund: l-Ewwel Sejħa għal attivitajiet minn Lulju sa Diċembru 2017; u t-Tieni Sejħa għal attivitajiet minn Jannar 2018 sa Diċembru 2020 Inizjattiva – Korsijiet *Lifelong Learning* 2017-2018 |
| Nru. 10/2017 | Immanigjar tal-Iskart Elettriku u Elettroniku (l-WEEE) miġbur mill-Kunsilli Lokali |

Direttiva:

| | |
|---|---|
| Nru. 2/2017 | Estimi Annwali (Budget) u Rapport Finanzjarju ta' kull Kwart (Quarterly Financial Report) |

## 65.5 Ħatra ta' Deputat Segretarju

65.5.1 Il-Kunsill ħatar lis-Sur Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali Ix-Xagħra bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jara jekk is-Sur Attard hux ser jaċċetta din il-kariga u wara li jaċċetta jinforma lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

## 65.6 Devlouzzjoni tal-Pompa tal-ilma fil-wied ta' Mġarr ix-Xini

65.6.1 Is-Sindku qal li dwar l-applikazzjoni ta' PA 5 ERDF, il-Kunsill għamel minn kollox biex jipprova japplika għar-restawr tal-pompa tal-ilma li tinsab fil-wied ta' Mġarr ix-Xini u biex iġib il-ko-finanzjament ta' 20% mingħand Ministeri konċernati fosthom dak tat-Turiżmu fejn kien laqgħa t-talba tagħna u offra l-għajnuna ta' parti minn dan il-ko-finanzjament. Kienet intbgħatet talba lill-Ministeru għal Għawdex fejn il-Kunsill Lokali baqa' bla risposta u saret ukoll laqgħa mas-segretarju permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali fejn l-istess l-Kunsill baqa' bla risposta. Għalhekk il-Kunsill mhux ser ikun f'qagħda finanzjarja li jkun jista japplika għal dan il-proġett mingħajr dan il-ko-finanzjament.

65.6.2 Madanakollu s-Sindku qal u l-Kunsill qabel li ma għandux jaqta qalbu dwar dan u għandu jagħmel minn kollox biex jibda l-proċess biex issir id-devoluzzjoni tal-art ta dan is-sit biex ma l-ewwel opportunita li l-Kunsill ikollu ċ-ċans li japplika għal fondi biex ikun jista jirrestawra dan is-sit. Dwar dan kien hemm qbil mill-Kunsill.

## 65.7 Proġetti minn Miżura 4.3

65.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Perit lesta l-istimi biex il-Kunsill ikun jista japplika minn Miżura 4.3, 90% minn fondi ewropej u 10% minn fondi tal-Kunsill biex isiru toroq li jwasslu għall-egħlieqi. Triq Bardan b'wiċċ ġdid bit-tarmak ġiet stmata €58,361.19, l-isqaq fi Triq ta' Xamgħan minn fejn il-kamra tad-dawl għal Pjazza Santa Margerita b'wiċċ porfido ġie stmat €22617.65 u l-isqaq fi Triq ta' Saguna b'wiċċ tal-konkos ġie stmat €6331.35.

## 65.8 Car Show - 2017

65.8.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li din l-attivita' Car Show b'risq Puttinu Cares li ser issir nhar il-Ħadd 11 ta' Ġunju 2017 f'każ li jkunu bdew ix-xogħolijiet fuq Triq Sannat din l-attivita' issir f'post ieħor minflok fil-Pjazza Santa Margerita. Il-Kunsill għandu jaħseb għall-istampar tal-posters u ċ-ċertifikati tal-parteċipanti.

## 65.9 Ilmenti u Suġġerimenti

65.9.1 Rosina Tabone ta' Pjazzetta tax-Xelina qed titlob li tiġi rranġata l-bankina ta' quddiem il-ħanut tagħha peress li din qedgħa fi stat ta' rampa. Il-Kunsill qal li hemm problema fil-bieb tal-ħanut peress li huwa wieħed qadim u dan jinfetaħ il-barra. Il-Kunsill għandu jara mall-Perit jekk hemmx rimedju dwar dan l-ilment.

65.9.2 James Sciberras qed jilmenta li fi Triq Saguna u fi Triq ta' Bebunaq hemm ħofor perikolużi u li dawn għandhom bżonn il-patching. Il-Kunsill qal li dawn il-ħofor ġew ikkaġunati meta saru xogħolijiet mill-WSC għalhekk għandhom jitbalbu biex dawn jiġu rranġati minn naħa tal-korporazzjoni.

65.9.3 Erika Menestet qed titlob li tiġi rranġata l-bankina ta' quddiem St. George's Flats, Triq il-Kbira. Il-Kunsill qabel li għandu jara x'inhi l-problema f'din il-bankina.

65.9.4 Joe Camilleri qed jitlob biex pajp tal-ilma quddiem tiegħu fi Triq Kalati li jisab fil-wiċċ ta' triq jiġi rranġat taħt it-triq. Dan l-ilment għandhom jiġu nfurmati bih tal-W.S.C.

65.9.5 L-impjegati tal-Kunsill qed jitolbu li jitwaħħal sinjal fejn ma jippermettix annimali fil-bini tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandha titwaħħal tabella mall-antiporta tal-Kunsill.

65.9.6 Is-Sindku qal li ġie mitlub minn residenti fejn talbu li ssir mera quddiem l-appartamenti Marija's Court fi Triq Ta' Ċenċ għaliex qed isibuha diffiċli biex joħorgu minn ġol-garaxx. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

65.9.7 Mario Azzopardi qed jitlob li ssir bankina ġdida fi Triq il-Moxa ma bini ġdid. Il-Kunsill qabel ma din it-talba biex din issir mill-MGOZ.

65.9.8 Il-Kunsillier Bajada talab biex isir żbir ta' siġra li qed tostakola mera fi Triq il-Kbira quddiem il-ġibjun.

65.9.9 Is-Sindku qal li ġie mitlub mill-Kuntrattur tal-iskart biex isiru double yellow lines fi Triq Saguna fejn id-Dead End peress li t-trakk tal-ġbir tal-iskart ma jkunx jista jdur minħabba ċertu parkeġġ.

65.9.10 Il-Kunsilliera Cassar Sultana qalet li hemm bżonn li jsir patching fi Triq l-20 ta' Lulju. Il-Kunsill qabel ma dan.

65.9.11 Teddy Ellis qed jitlob li ssir bankina ġdida quddiem Ellis Gardens fi Triq Palazzo Palina. Il-Kunsill ser jagħmel talba lill-MGOZ biex issir din il-bankina.

65.9.12 Pete Lanman minn Triq il-Kbira ilmenta li mill-ġibjun ta' Triq il-Kbira xi bdiewa qed itellgħu l-ilma b'mutur li jgħamel ċertu ħoss. Il-Kunsill infurmaħ li dwar dan il-każ irid jgħamel rapport lill-Puliżija.

65.9.13 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li ġie avviċinat mis-Sur Mark Magro wara li saret l-esebizzjoni bl-isem ta' Forgotton Landscapes, nhar is-16 ta' Frar 2017 f'Saint James Cavalier li l-pittura tal-pompa tal-wied f'Mġarr ix-Xini tinsab għal bejgħ għall-prezz speċjali ta' €1475 minflok €1770.

## 65.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

65.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 4/2017 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż ma dawn il-minuti tal-laqgħa.

## 65.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

65.11.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3.25 p.m.u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 17 ta' Mejju 2017, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 17 ta' Mejju 2017

| | |
|---|---|
| **(iffirmata)** | **(iffirmata)** |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |